## Mill-mewt għall-ħajja ta' bla tmiem

Ix-xahar ta' Novembru huwa marbut mal-erwieħ tal-purgatorju u maż-żjajar fiċ-ċimterju, l-iktar biex inżuru u nīftakru f'familjari u qraba tagħna li ħallewna. Dan ix-xahar jista' jkun ta' għajuna biex nirriflettu fuq il-mewt u l-ħajja wara l-mewt. Irrīdu nitilqu mill-fatt li aħna nemmnu f'Alla li sar bniedem bħalna f'kollox minbarra d-dnub. Ġesù sar parti mill-istorja tal-umanità tagħna u saħansitra għadda mill-mewt bħalna, imma għadda minn ħaġa li ma ħalaqhiex hu, għax il-mewt hija konsegwenza tad-diżżubidjenza tal-bniedem lejn Alla u dan huwa spjegat b'mod ċar fil-waqa' t'Adam u Eva (Ġen. 3:1-8). Imma minkejja li Ġesù esperjenza l-mewt li mihiex parti mill-krejazzjonī tiegħu, huwa wera l-qawwa tiegħu billi rebaħ l-istess mewt bil-qawmien tiegħu mill-imwiet. Ġesù. qabel ma għadda mill-passjoni u l-mewt tiegħu, kontinwament ħabbar is-Saltra t'Alla u permezz t'hekk tana mappa ta' kif wieħed għandu jimxi warajh biex aħna wkoll meta nesperjenzaw il-mewt aħna ma mmutux imma ngħaddu għall-ħajja ta' bla tmiem li kisbīlna permezz tal-passjoni u
l-qawmien tiegħu.

Irridu jew ma rridux dak il-mument meta aħna nħallu din id-dinja ser jasal xi darba jew oħra, għalkemm ma nafux il-ħin u d-data imma ċerti li ser
nesperjenzaw il-mewt. Forsi dan īl-kliem ībeżgħana xi ftīt, imma fl-īstess ħin għardu jgħinna biex nagħmlu eżami tal-kuxjenza tagħna. Għandna nsaqsu lilna nfusna kemm aħna qegħdin ngħixu ħajja bħala dixxipli ta' Ġesù. Id-dixxīplu ta' Ġesù għan wieħed irrid ikollu, li jaħdem qatigħ għall-qdusija tiegħu u tal-oħrajn. Il-fidī nisranīja tagħtina lenti ċara tal-mewt billi tgħallimna li m'ihiex īt-tmiem ta' kollox u qisu qatt ma kien xejn, īmma jekk wieħed imut fil-grazzja t'Alla (mingħajr drub) huwa jgħaddi għall-ħajja ta' bla tmiem. Dan ukoll irrid ifakkarna li biex aħna nkunu dejjem preparati għal dan īl-mument irrīdu nagħmlu użu mill-istess għodda li tagħna Ġesù. li huma s-sagramenti, b'mod speċjali l-Qrar u l-Ewkaristija.

Episodju mill-Evanġelju li għandu jagħmlilna kuraġġ huwa meta Ġesù kien imdendel mal-għuda tas-salib. Il-ħalliel "it-tajjeb" li huwa wkoll kien qieħed jesperjenza it-tmiem tiegħu f'din id-dinja; talab mingħand Ġesù l-ħajja ta' bla tmiem fis-Saltna tiegħu: "Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek." [Lq:23:43] Ejjew aħna wkoll kontinwament nixxenqu għal din il-ħajja ta' bla tmiem fis-Saltna t'Alla billi naħdmu għall-qdusīja tagħna u ngħixu ħajja lī hija kompatibbli mal-Kelma t'Alla, biex wara din il-ħajja ngawdu lil Alla għall-eternità.

P. Aaron Zahra O.P.
*Pirjol*

www.opbirgu.org

Patrijiet Dumnikani, Kunvent tal-Lunzjata, il-Birgu

# Mit-telgħa tal-Lunzjata

Ħarġa num. 2 Novembru 2019



## Indulġenza plenarja

Matul ix-xahar ta' Novembru l-fidili Nsara jistgħu jirbħu Indulġenza Plenarja għall-erwieħ tal-Purgatorju billi jżuru ċimiterju u jitolbu għall-erwieħ fil-purgatorju bejn l-1 u t-8 ta' Novembru, bil-kundizzjonijiet tas-soltu, jiġifieri (1) li wieħed jersaq lejn is-sagrament tal-qrar, tal-inqas ħmistax qabel jew wara, (2) li jitqarben, (3) u li jitlob għall-intenzjoni tal-Papa.

L-Indulġenza Plenarja hija att ta' karità lejn l-erwieħ li qed jistennew li jaraw id-dehra tal-wiċċ ta' Alla.

\+ Requiem aeternam dona eis Domine, et lux perpetua lucet eis. Requiescant in pace. ℟ Amen.
*Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem. Id-dawl ta' dejjem jiddi fuqhom, jistrieħu fis-sliem. ℟ Amen.*



**Niskopru**
**l-Katekiżmu**
**tal-Knisja Kattolika**

**Laqgħat miftuħa għal kulħadd**
**minn Novembru sa April,**
**kull nhar ta' Ġimgħa fis-7p.m.**

**fl-Oratorju tal-Kunvent**
**tad-Dumnikani, il-Birgu.**

## Mid-djarju tal-Knisja tal-Lunzjata

Il-Ġimgha 1 ta' Novembru - *Solennità tal-Qaddisin Kollha*
Wara l-quddiesa tas-6:15p.m. ikollna mument ta' adorazzjoni u titkanta l-litanjia tal-Qaddisin u tinagħta l-Barka Sagramentali.

Is-Sibt 2 ta' Novembru - *L-Għid tal-Imwiet*
Quddies: 7:30am, 8a.m., 10a.m, 10:30a.m.

Fis-5:45p.m. Talba tal-Ghasar.

Fis-6:15p.m. quddiesa kkonċelebrata b'suffraġġju għall-mejtin kollha mmexxija mill-Pirjol P. Aaron Zahra O.P. Mistiedna b'mod speċjali l-familjari ta' dawk li sarilhom il-funeral fil-Knisja tal-Lunzjata minn Novembru 2018 l'quddiem.

Il-Ħadd 3 ta' Novembru - *Festa ta' San Martin De Porres*
Fl-10:00a.m. quddiesa mmexxija mill-Pirjol tal-Festa ta' San Martin De Porres animata mill-abbatini. Wara jsir it-tberik tal-annimali fuq iz-zuntier tal-Knisja.
Fis-12:45p.m. attività soċjali fil-kjostru tal-kunvent.

Il-Ġimgħa 8 ta' Novembru - *Infakkru l-Mejtin tal-Għaqdiet Dumnikani tal-Birgu*
Fis-6:15p.m. quddiesa b'suffraġġju għall-mejtin tal-għaqdiet Dumnikani tal-Birgu.

Fis-7p.m. nagħtu bidu għal kors dwar il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika fl-Oratorju tal-Kunvent.

Il-Ħadd 9 ta' Novembru - *Pellegrinaġġ għaċ-ċimiterju tal-Addolorata*
Fit-8a.m. nitilqu bit-transport. Fit-8:30a.m. nibdew il-pellegrinaġġ bir-rużarju u wara quddiesa fil-Kappella tax-Xirka tad-Duluri.

Il-Ħadd 24 ta' Novembru - *Ċelebrazzjoni tas-Serva t'Alla Francesca Tereża Parlar*
Fl-10:00a.m. quddiesa ċċelebrata mill-Pirjol biex infakkru it-twelid tas-Serva t'Alla Francesca Tereża Parlar, Terzjarja Dumnikana.

It-Tlieta 26 ta' Novembru
Fis-7p.m. laqgha ghall-Lajċi Dumnikani, fl-Oratarju fil-Kunvent.